# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru:441/97

Anthony Farrugia

vs

Commander Armed Forces of Malta u b' digriet tat-2 ta' Frar 1999 Kap Kmandant ghall-Forzi Armati ta' Malta

Illum 5 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal fl-Armata ta' Malta fl-1976. Kif spicca ir-reklutagg tieghu gie assenjat xoghol klerikali.

Dak iz-zmien, huwa diga kellu certifikati tat-third class education, li kienu jghoddu ghall-promozzjoni ghall-bombardier.

Fl-1981 kien ha l-ewwel promozzjoni ghall-Lance Bombardier. Fl-1982, kien ha it-tieni promozzjoni ghall-Lance Bombardier.

Wara din il-promozzjoni gab is-second u l-first class education. Dawn il-kwalifikazzjonijiet kienu jghoddu ghall-promozzjonijiet kollha fl-Armata. Barra min dawn kellu wkoll il-B II Clerk, B III Storeman Technical u, B III Radio Operator.

Fl-1988 kienu hargu promozzjonijiet u huwa gie maqbuz min ohrajn li ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, esperjenza u seniority daqsu.

Fl-1992, ghal darb'ohra regghu hargu l-promozzjonijiet u gara l-istess haga. Huwa rega gie maqbuz min ohrajn li kienu juniors tieghu u ma kellhomx kwalifikazzjonijiet u esperjenza daqsu.

Li kieku huwa ma nqabizx f'dawn il-promozzjonijiet, kieku l-lum qieghed jokkupa r-rank ta' Warrant Officer Class II.

Ghaldaqstant ihoss li huwa gie mtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu ngustament u b'hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu u jinghata dak kollu li huwa gie imcahhad minnu ngustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm 5,000.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:-

Illi jirrizulta li sew fil-kaz tal-promozzjonijiet li nghataw b'effett mil-11 ta' Mejju 1988 kif ukoll fil-kaz ta' promozzjonijiet li nghataw b'effett l-20 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent kien ressaq l-ilment tieghu quddiem l-Ufficjal kmandant rispettiv ta' dak iz-zmien li fihom hargu l-promozzjonijiet. Jidher ukoll li r-rikorrent kien ikkuntenta bit-twegiba jew rimedju li kien inghata mill-ufficjal kmandant. Ma jirrizultax li r-rikorrent kien talab biex ikompli jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta rispettivi taz-zminijiet msemmija aktar il-fuq.

Illi tajjeb li wiehed isemmi li fil-promozzjonijiet li nghataw b'effett mill-11 ta' Mejju 1988, sa l-gurnata li fiha bdew isehhu l-promozzjonijiet, ir-rikorrent kien ghad ghandu is-Second Class of Education u Trade ta' Clerk BII. Jirrizulta, li zewg individwi junior

tar-rikorrent li gew promossi, kienu kkwalifikati aktar mir-rikorrent. Aktar minn hekk, dawn kellhom l-istess seniority date bhal tar-rikorrent izda kellhom seniority serial ikbar minn tieghu.

Illi fil-promozzjonijiet li sari b'effett 20 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent ma kienx ghadu kkwalifika fit-tielet trade cioe' ta' Radio Operator Group B Class III kif donnhu jrid jaghti x'wiehed jifhem li kien ikkwalifikat fiha dak iz-zmien. Jirrizulta, li l-erba individwi li gew promossi u li kienu juniors tar-rikorrent (wiehed minnhom kellu seniority date l-istess bhal tar-rikorrent) kienu ikkwalifikati kwazi daqs ir-rikorrent barra wiehed li kien ikkwalifikat aktar mir-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe, l-avviz legalu Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi l-assunzjoni tar-rikorrent, cioe' dik li kieku kif qed jallega hu, ma kienx inqabez fil-promozzjonijiet msemmija kien llumm jokkupa r-rank ta' Warrant Officer II, hija bla bazi minhabba r-raguni semplici li l-promozzjoni minn rank ghall-iehor mhix awtomatika kif ir-rikorrent qed jassumi li hi, izda hija dipendenti minn kriterji msemmija fil-paragrafu precedenti, cioe' primarjament abbazi ta' efficjenza u

ghazla biex timtela vakanza kif wkoll abbazi ta' anzjanita u kwalifiki dejjem skond ir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Sostna li kemm fl-1988 u fl-1992 inqabez minn diversi membri ta' l-Armata. Ghalhekk tilef ukoll is-seniority Zied li bejn l-1980 u l-1992 kien **in-charge ta' EME Company Office** u dan ix-xoghol ghamlu bl-ahjar efficjenza u korretezza u qatt ma kellu jirrispondi ghal xi dixxiplina fl-Armata u qatt ma kien skuzat mill-ebda dmir fl-Armata.

Xehed il-Maggur Raphael Zerafa u qal li r-rikorrent jafu fl-Armata. Ma jaf xejn dwar il-promozzjonijiet ta' l-1988 peress li dak iz-zmien partikolari kien bit-terminal leave. Dak il-perjodu ghall-habta ta' l-1988 kien l-O.C. tar-rikorrent. Anthony Farrugia dejjem kien jaghmel

xogholu sew u kien metodiku hafna. Zied jghid: “Normalment suppost il-confidential report jaghmlu l-O.C. ta’ l-applikant. Fil-kaz tar-rikorrent, li nista’ nghid huwa li minni zgur ma’ sarx confidential report. Mix-xoghol tar-rikorrent, jiena kont kieku nirrakkomandah.”

Il-Kaptan Marco Chircop xehed li kien l-O.C. Semma li r-rikorrent li kien Chief Clerk kien jaghmel xogholu b’efficjenza fis-sezzjoni tieghu, kien tajjeb fuq xogholu. Ma tantx kien jiehu sick. Fl-1992 ma kinux talbuh biex jirrakkomanda lil xi hadd ghall-promozzjoni u ghalhekk ma rrakkomanda lil hadd.

Zied li “Sa Gunju ta’ l-1991 is-C.O. tieghi kien Lt. Col. Louis Sansone u dan kien baghat ghalija ghall-promotion exercise li kien gej. Konna ddiskutejna l-possibiltajiet tal-promotions ghan-nies ta’ tahti. Is-Sur Farrugia kien fost il-persuni li jiena kont semmejt li ghandhom jiehdu l-promozzjoni. Is-suggeriment tieghi kien bil-fomm. Jien ghidt hekk verbalment. Sansone kien qalli li jekk kollox jibqa’ hekk ir-rikorrent ghandu jsir. Sansone imbaghad irtira u ma baqax C.O. u minfloku kien hemm il-Maggur Raymond Cutajar. Cutajar qatt ma baghat ghalija biex jiddiskuti l-promotion exercise mieghi…”

Lt. Col. Mario Schembri ipprezenta l-confidential report li tkopri l-perjodu mill-1 ta’ Marzu 1989 sat-28 ta’ Frar 1990 ffirmat mill-Officer Commander [f’dan jissemma li r-rikorrent huwa practical and intelligent, can manage the office single handedly with excellent results…loyal and trustworthy...]. Ipprezenta wkoll confidential report li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Marzu 1990 sat-28 ta’ Frar 1991 [minn fejn jirrizulta li he has given sterling service throughout…efficient and hardworking…takes a

keen interest in his work…I have no hesitation whatsoever in recommending his promotion…]. Mil-medical report tar-rikorrent ma kien hemm xejn partikolari dwar sick leave u exemptions mid-duties. Giet prodotta silta mir-record of service tar-rikorrent illi jkopri perjodu mis-17 ta' Frar 1975 sa l-1 ta' Gunju 1989. Dok MS5 huwa silta mill-promozzjonijiet li saru fl-Armata b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u dawn ikopru l-promozzjonijiet li saru mir-rank ta' bumbardier ghal surgent fit-tieni regiment. Dok MS6 huwa estratt mill-lista ta' promozzjonijiet li hargu b'effett mill-20 ta' Jananr 1992. Semma li "F'Dok MS1 il-grading tar-rikorrent f'pagna 2 paragrafu 5 qieghed indikat bhala above the standard required of his rank and service ta' l-1989 u 1990. Qieghed jigi rrikmandat f'paragrafu 9 ghall-promotion ta' surgent u biex jokkupa l-istess impjieg illi kellu dak iz-zmien ta' clerk tal-kumpanija. Gie rrakomandat biex jiehu promozzjoni ghal surgent pero' jibqa' jaghmel l-istess xoghol ta' clerk. F'Dok MS2 li jkopri l-perjodu minn Marzu ta' l-1990 sa Frar 1991 f'paragrafu 5 f'pagna 2 il-grading tar-rikorrent qieghed indikat bhala above the standard required of his ranking service. Qieghed jigi rikmandat ghal promotion ta' surgent ghall-istess impjieg li semmejt qabel voldieri ta' Company Clerk. Dawn iz-zewg dokumenti MS1 u MS2 ma setghu bl-ebda mod jaffetwaw il-promozzjonijiet illi hargu b'effett minn Mejju 1988. Pero' jista' jkun li jaffettwaw kif inhargu l-promozzjonijiet ta' Jannar 1992. Mid-dokumenti ma jidhirx ghalfejn ma hax il-promozzjoni fl-1992. Pero' minn Dok MS6 li juri il-promozzjonijiet ta' 1992 dawk li jigu warajh voldieri Micallef, Mizzi, St John, Cassar li kienu fit-tieni regiment bhal ma kien ir-rikorrent. L-ewwel tlieta ghandhom l-istess class of education bhalhom u l-ahhar wiehed ghandu inqas. Fejn nigu ghat-trade hemm min ghandu inqas minnu, iktar minnu ma jidhirx illi hemm, bhala kwalifika

tat-trade. Ghar-rigward ta' promozzjonijiet ta' Mejju 1988, 2 biss hemm wara r-rikorrent fl-istess regiment illi kienu inqas anzjani minnu u hadu l-promozzjoni. Wiehed minnhom kellu grad ta' edukazzjoni oghla minn tar-rikorrent kif ukoll ghandu zewg trades meta r-rikorrent ghandu wiehed u l-grading tal-cadre course ta' Abdilla huwa grade D u tar-rikorrent li ma giex promoss huwa Grade C.

L-individwu l-iehor Bumbardier Sant ghandu class of education bhal m'ghandu r-rikorrent, grade fil-cadre course inqas minn tar-rikorrent voldieri D flok C, pero ghandu zewg A trades li huma l-oghla klassifika fit-trade…

Iz-zewg rakkomandazzjonijiet li kellu r-rikorrent ma kellhomx x'jaqsmu mal-promotion exercise mill-1988 peress li huma specifikament ta' l-1992 li hargu wara 1988…"

Ikkunsidra

Illi l-ilmenti tar-rikorrent huma l-promotion exercise tal-1988 u dak tal-1992. Dwar Seniority it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet

negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa il-Maggur Raphael Zerafa semma li r-rikorrent jaghmel xogholu sewwa u metodiku hafna u jirrakkomandah. Il-Kaptan Marco Chircop xehed li r-rikorrent kien jaghmel xogholu b'efficjenza fis-sezzjoni tieghu w kien tajjeb fuq xogholu. Lt. Col. Mario Schembri semma li mill-confidential report li tkopri l-perjodu 1989 sa 1990 r-rikorrent kien deskritt bhala practical and intelligent, can manage the office single handedly with excellent results…loyal and trustworthy, u mill-confidential report li jkopri 1990 sa 1991 jissemma li he has given sterling service. throughout…efficient and hardworking…takes a keen interest in his work…I have no hesitation whatsoever in recommending his promotion…]. Mil-medical report tar-rikorrent ma kien hemm xejn partikolari dwar sick leave u exemptions mid-duties.

Minn ezami tad-dokument a fol 54 tal-process u cioe' dwar il-promozzjonijiet tal-1988 jirrizulta li tnejn biss qabzu lir-rikorrent. Wiehed minnhom kellu grad ta' edukazzjoni oghla minn tar-rikorrent kif ukoll ghandu zewg trades meta r-rikorrent ghandu wiehed u l-grading tal-cadre course ta' Abdilla huwa grade D u tar-rikorrent li ma giex promoss huwa Grade C. L-individwu l-iehor Bumbardier Sant ghandu class of education bhal m'ghandu r-rikorrent, grade fil-cadre course inqas minn tar-rikorrent voldieri D flok C, pero' ghandu zewg A trades li huma

l-oghla klassifika fit-trade. Min hawn mhux car li saret xi ingustizzja ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Ir-rapporti kollha favorevoli saru wara l-1988. Dak iz-zmien ir-rikorrent kien ghad ghandu s-second class education; wiehed minn dawk li qabzuh kellu Class 1; l-iehor ghalkemm kellu l-istess Class of Education kellu trades aktar u huma kellhom l-istess seniority date ghalkemm seniority serial akbar. Dwar dan l-ilment it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjonijiet tal-1992 l-istampa hi differenti. Jekk wiehed ihares lejn fol 55 jirrizulta li dawk li jigu warajh voldieri Micallef, Mizzi, St John, u Cassar li kienu fit-tieni regiment bhal ma kien ir-rikorrent wiehed jinnota li l-ewwel tlieta ghandhom l-istess class of education bhar-rikorrent u l-ahhar wiehed ghandu inqas. Fejn nigu ghat-trade hemm min ghandu inqas minnu, iktar minnu ma hemmx bhala kwalifika tat-trade. Hawn tirrizulta l-ingustizzja. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Jilqa’ ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ b’effett mill-20 ta’ Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.